

## Forom ta' Gvern Lokali f'B'Kara
## It-Tieni Parti: Żmien il-Franċiżi u l-Imblokk (1798-1800)

minn Winston Zammit, BA (Hons), PGCE, MA

Il-ħakma twila ta' l-Ordni ta' San Ġwann fuq il-Gżejjer Maltin (1530-1798) ġiet fi tmiemha f'Ġunju 1798. F'dak iż-żmien B'Kara kienet immexxija minn Gregorio Gatt bħala Sindku u Pietru Camenzuli bħala ġurat (1).

Fid-9 ta' Ġunju 1798 tfaċċat quddiem Malta l-armata Franċiża taħt il-kmand tal-Ġeneral Napuljun Bonaparte. L-għada **bdiet** l-invażjoni Franċiża. Jumejn wara l-Kavalieri ġedew u l-Gżejjer Maltin għaddew taħt il-ħakma Franċiża.

Napuljun dan biss seba t'ijiem f'dawn il-Gżejjer li matulhom wettaq diversi riformi, fosthom waħda fil-qasam tal-Gvern Lokali. Permezz ta' proklama bid-data tat-13 ta' Lulju 1798, il-Gżejjer **Maltin kellhom jinqasmu f'distretti li jissejħu 'Cantons'**, filwaqt li l-ibliet ta' madwar il-port kellhom jinqasmu f'żewġ **muniċipalitajiet. Kull 'canton' kellu jitmexxa minn korp muniċipali** ta' 5 persuni (2).



*Vincenzo Borġ Brared, wieħed li jġiełled kontra l-ħakma Franċiża f' Malta.*

B'kollox il-kampanja ta' Malta nqasmet **fi** tmien **'cantons'** u Għawdex fi tnejn. Fost il-'cantons' jew distretti kien hemm dak magħmul mill-irħula ta' B'Kara, H'Attard, Ħal-Balzan u Ħal-Lija, li kellu jitmexxa minn **korp** muniċipali magħmul minn dawn il-membri:

| | |
|---|---|
| President: | In-Nutar Luigi Caruana minn Ħal-Lija |
| Segreatrju: | In-Nutar Saver Zarb minn Ħ'Attard |
| Membri: | Gregorio Gatt u Pietru **Camenzuli benestanti** minn B'Kara, Ġuzeppi Attard minn Ħ'Attard, u Anġlu Grech minn Ħal-Balzan (3). |

Huwa interessanti li wieħed jinnota li kemm Gregorio Gatt u Pietru Camenzuli kienu servew fis-sistema ta' Gvern Lokali fi żmien l-Ordni. Fil-fatt Gregorio Gatt kellu l-kariga ta' ġurat f'B'Kara fis-snin 1781, 1782, 1789, 1784 u kien is-Sindku kif għidna fi żmien l-invażjoni Franċiża, filwaqt li Pietru Camenzuli kien serva bħala ġurat fis-snin 1785, 1786, u fi żmien l-invażjoni Franċiża (4).

M'għandna kwazi xejn tagħrif dwar il-ħidma ta' din il-muniċipalita', ħlief li fil-15 ta' Lulju 1798 din **bagħtet** tinforma lill-Kummissjoni tal-Gvern li **f'Ħ'Attard** kienet inqalgħet ġlieda kbira u ħafna storbju u li kienet meħtieġa l-għajnuna militari biex jiġu arrestati dawk li qalgħu l-inkwiet (5).

Izda din il-muniċipalita' bħall-bqija tal-muniċipalitajiet tal-kampanja kellha ħajja qasira, għax malli bidet ir-rewwixta fil-kampanja f'Settembru 1798 mietet mewta naturali.

## L-Irvell u l-Imblokk

Nhar il-Ħadd 2 ta' Settembru 1798, fir-Rabat f'Malta, beda l-irvell storiku tal-Maltin kontra l-Franċiżi. L-għada l-Mdina waqgħet f'idejn il-Maltin u l-attentati tal-Franċiżi li jerġgħu jieħdu l-Imdina f'idejhom falla. Il-Maltin ħadu wkoll f'idejhom il-fortizzi u t-torrijiet ta' madwar il-kosta (6).

F'dan l-irvell li biddel l-istorja ta' Malta kellu sehem importanti Vincenzo Borg (Brared) (1767-1837) (7). B'riżultat ta' dan l-irvell, il-gżira ta' Malta sfat maqsuma fi tnejn: l-Imdina u l-kampanja kienu f'idejn il-Maltin, filwaqt li l-Belt, il-Furjana u l-Fortizzi Manoel u Tigne' baqgħu taħt il-Franċiżi (8).

Inħass mill-ewwel il-bżonn li titwaqqaf amministrazzjoni alternattiva fil-kampanja biex tmexxi l-Maltin. Dan sar fl-4 ta' Settembru 1798, meta bħala deputati tal-poplu ġew maħtura n-Nutar Emmanuele Vitale, il-Konti Salvatore Manduca, il-Konti Ferdinandu Theuma Casteletti u l-Markiż Vincenzo Depiro. In-Nutar Emmanuele Vitale ġie maħtur ukoll bħala Kap tal-Forzi Maltin. Dawn l-erba deputati ħatru wkoll Segretarju u numru t'uffiċċjali oħra. B'hekk twaqqaf Gvern Malti fil-kampanja li beda jissejjaħ l-Assembleja Nazzjonali (9).

Iżda minbarra l-Assembleja **Nazzjonali** forom ta' Gvern Lokali twaqqfu fl-irħula tal-kampanja. Fil-fatt **il-Baruni** Vincenzo Azzopardi jgħidilna li minbarra l-Assembleja Nazzjonali kien hemm Gvern Proviżorju fl-irħula kollha.

Ma nafux eżatt min kienu n-nies involuti fit-tmexxija ta' B'Kara fi żmien l-Imblokk. Mingħajr ebda dubju kien hemm Brared, iżda minn dokumenti esebiti minnu dwar it-tmexxija tal-battaljun ta' B'Kara nafu li ma kienx imexxi waħdu, iżda kollox kien jiġi amministrat flimkien ma' persuni magħżula mill-poplu biex jgħinuh fil-kariga li kellu bħala "Rappreżentant ta' B'Kara u Kap tal-Kamp ta' l-Għargħur. Din hija indikazzjoni li Brared kellu xi nies jgħinuh fit-tmexxija ta' B'Kara." (10)

## Il-Battaljun ta' Birkirkara

Il-Gvernijiet ta' l-irħula kellhom żewġ responsabilitajiet partikulari, li kienu l-manteniment **tal-battaljun** tar-raħal, u x-xiri tal-provisti ta' l-ikel għan-nies tar-raħal. B'kollox matul l-Imblokk twaqqfu 21 battaljun, u fost dawn il-battaljuni kien hemm dak ta' B'Kara. L-ispiża ta' kuljum tal-battaljun ta' B'Kara għall-manteniment tas-suldati u trunċieri kienet tlaħħaq is-somma ta' 146 skud kuljum (11). Minn dokument nafu li meta spiċċa **l-Imblokk** f'Settembru 1800 il-battaljun ta' B'Kara kien l-akbar wieħed għax kien fih 478 ruħ li kienu mqassmin hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kaptani | 18 | Ajjutanti | 23 |
| Surġenti | 29 | Kapurali | 29 |
| Suldati | 379 | | |

Fost **it-18-il kaptan**, l-aktar anzjan kienu Ċensu Borg, it-tabib Leopoldu Bernard, Franġisku Pace, Ġużeppi Scicluna, Franġisku Żammit, Nazju Cutajar u Franġisku Borg (12).

Il-Battaljun ta' B'Kara kien jagħti s-servizz tiegħu fil-Batterija ta' l-Għargħur li kienet tħares fuq ix-xaqliba fejn kien hemm il-Fortizzi Manoel u Tigne' (13). Nafu wkoll li f'Marzu 1800, il-membri tal-battaljun ta' B'Kara kienu qegħdin iservu fit-trunċiera ta' **Tigne' (14)**.

## Minn fejn ġew il-flus għall-battaljun

L-ispiza għall-manteniment tal-battaljun ta' Birkirkara kienet titla' għal 146 skud kuljum (15). Jidher li parti mill-flus ġew minn għotjiet ta' diversi ndividwi. Dawn l-għotjiet ta' flus kienu jvarjaw minn għotja żgħira ta' 4 skudi (16) għas-somma ta' 1,000 skud li ngħatat minn Ġużeppi Scicluna (17). Iżda kien hemm min ta affarijiet minflok flus. Hekk insibu per **eżempju** li Aloisio Principiato ta b'kemm jiswew 656 skud f'affarijiet (18) filwaqt li Ġużeppi Spiteri ta b'kemm jiswew 4,360 skud f'qamħ (19). Wara li spiċċa l-Imblokk, il-Gvern Ingliż assuma ir-responsabilta' li jħallas lura kemm is-somom ta' flus u l-affarijiet li kienu ingħataw (20).

## Il-problema ta' l-ikel

Meta beda l-irvell la kien hemm ikel fil-kampanja, u l-Maltin l-anqas kellhom flus f'idejhom biex jixtru l-ikel minn Sqallija. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-gvernijiet ta' l-irħula ddeċidew li jipotekaw il-beni stabbli (djar u għelieqi) li kien hemm fid-distretti rispettivi tagħhom biex jixtru bi kreditu provvisti ta' l-ikel minn Sqallija(21).

Minn att nutarili tat-8 ta' Ġunju 1799, nafu li l-battaljun u l-popolazzjoni ta' Birkirkara kienu nieqsa mill-qamħ u x-xgħir. Iżda ġara li fl-istess żmien kienu waslu fil-port ta' San Pawl il-Baħar **porzjon** ta' l-4000 modd qamħ u x-xgħir, li kienu ġew konċessi mir-Re ta' Sqallija lill-battaljun u lill-popolazzjoni ta' l-Imdina, Rabat u Ħad-Dingli.

Għaldaqstant **Ċensu** Borg għamel rikors lid-deputati ta' l-Imdina biex jingħata porzjon ta' l-imsemmija qamħ u xgħir, għall-manteniment tal-battaljun u tal-popolazzjoni ta' Birkirkara.

Billi l-Gvern tal-kampanja kien ħa deċiżjoni li meta jaslu xi provvisti ta' l-ikel, kellu jitqassam bejn l-irħula kollha, id-deputati **kkonċedew** lil Brared 100 modd qamħ u 150 modd xgħir bi kreditu, bil-kundizzjoni li ssir l-ipoteka tal-beni stabbli fil-limiti ta' Birkirkara, biex jitħallsu l-possessuri tal-beni ta' l-Imdina, Rabat u Ħad-Dingli.

Din l-ipoteka fil-fatt saret u ġiet trasuntata fl-atti tan-Nutar Benedettu Falzon. Għaldaqstant fit-8 ta' Ġunju 1799, Ċensu Borg deher quddiem in-Nutar Alessandro Patrizio Spiteri, u bħala rappreżentant ta' Birkirkara wiegħed li jħallas id-deputati ta' l-Imdina għall-qamħ u xgħir, li kienu se jagħtuh. Għal dan il-għan kien qed jipoteka a favur tagħhom il-beni stabbli kollha esistenti fil-limiti ta' Birkirkara, bħala ħlas għall-qamħ u x-xgħir mogħtija lilu li kienu meħtieġa għall-manteniment tal-battaljun biex titkompla l-gwerra kontra l-Franċiżi(22).

L-Imblokk ġie fit-tmiem tiegħu f'Settembru **1800**, meta l-gwarniġjon Franċiż fl-ibliet **ta'** madwar il-port il-kbir magħfus bil-ġuħ, kellu jċedi. It-tmexxija tal-Gżejjer Maltin issa għaddiet f'idejn l-Ingliżi, li taħthom sa l-1896, kellna wkoll forom ta' Gvern lokali fil-kampanja.

(1) L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) Univ 35, f441 R.

(2) Archivum Melitense: Vol 5, No 6, p 79, 80.

(3) C. Testa "Maz-Zewġ Naħat tas-Swar" Vol 1 (KKM 1979) pp 138, 139, 140.

(4) L.N.M., A.O.M. 585 f.96R, 586 f 252 V, 587 f. 280 V: UNIV 34 ff. 278V, 279V, 327R, 328R, UNIV35 f441R.

(5) C. Testa, op. cit. Vol 1 p 193

(6) L.N.M. 269 ff 38R-43R.

(7) G_as-sehem ta' Vincenzo Borg, ara W.L. Zammit, "Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti" KKM 171 (Malta 1999) pp 22, 23.

(8) A.P. Vella "Storja ta' Malta" Vol II KKM 1979 p 230

(9) A. Mifsud "L'Origine della Sovranita' Inglese su Malta" (Malta 1907) p 38.

(10) W.L. Zammit, "Il-Mexxejja Maltin" op. cit. p. 26

(11) A(rkivju) K(atidral) M(alta) Misc 136, Notizie sul Blocco f'72R

(12) C. Testa, op. cit., Vol III KKM 127-129 p. 737

(13) Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

(14) C. Testa, op. cit. Vol III p 675

(15) A.K.M. Misc 136 op. cit. f'72R

(16) L.N.M. Univ 562 p 23, fejn insibu li Salvatore Bonavia ta din il-kontribuzzjoni

(17) A.N.M. Letters from the office of the Public Secretary I.VIII.1808-1812 p 315

(18) ibid p 314

(19) ibid p 318

(20) National Museum of Fine Arts Valletta – Ball Papers Proklama bid-data 7.VI.1804 bil-firma ta' Alexander Macaulay. Iżda dan il-ħlas ma jidhirx li beda qabel 1-1812 (Ara A.N.M. Letters from the office of the Public Secretary 1-VIII-1808-1812 p 280)

(21) Ara per e_empju A(rkivju) N(utarili) V(alletta) Atti Gregorju Mifsud 1798 Vol 13/96C. Deliberazzjonijiet Gvern Proviżorju Għaxaq ff 52R, 52V, Żejtun ff 53R, 53V, Żabbar ff 63R, 63V

(22) A.N.V. Atti Alessandro Patrizio Spiteri 8-VI-1799.